għaliex il-paċi ġiet
għal ftit
u għada tkun għaddiet.

Charles Coleiro

## Entużjażmu

Kull sena f'għeluq sninu nannuh jieħdu
miegħu l-belt - is-sħana tqattar bħal xamgħa -
jisimgħu quddiesa u jieklu l-pastizzi.
Il-mixja tax-xwejjaħ u t-tfajjel fetħet
- triq nies u ħsibijiet, riġlejn, ħlewwiet... -
separju ta' anġlu għama jittawwal
u jberraq fih innifsu -għatx u aptit -
ixomm ir-riħa tal-knisja mudlama
u jtiegħem bil-qima l-piżelli sħan.
Maħkum b'xi alla - statwi bil-kuluri -
f'xi alla t-tfajjel terraq waħdu maħdem
il-għerf ħalli jibni "database" sħiħa
bl-isfiljurata tal-furnar nannuh.
Sab li n-nuqqas huwa ħoss u għall-aħħar
darba daħal fi tfulitu, bħal karba,
bil-ħeġġa t'alla ttih nifs qawwi sħun.

***Charles Briffa***

(* il-kelma "entużjażmu" hawnhekk trid tinftiehem fis-sens etimoloġiku tagħha: "en theos", f'alla.)

## Londra

The air filled with the tune
of feed the birds,
u l-ħarsa tal-bniedem
magħluqa bil-bini
qanqlet il-moħħ,
għax fil-belt il-moħħ jaqbeż u jitqabbeż.
Ta' min hi din il-belt
fejn l-ilsien
f'daru għandu għafsiet differenti
li jġagħlek thoss
il-kesħa ta' min bla flus f'daru?
Tibqa' miexja t-Thames.
It's a jolly holiday with you, mate,
għax il-belt hija tal-belt!

***Charles Briffa***

## Dal-Ġebel Kbir

Dal-ġebel kbir li jostor lili
ma nlaħħaqx miegħu.
Hawn l-ilma biss
jitkaxkar lejja
bil-qajl il-qajl u jersaq ħdejja
sakemm imissni;
ħafif ħafif imissni
u jerġa' lura misthi misthi.

'Mma meta jrid jista' jsabbatni
mal-ġebel kbir li jostor lili
sa ma jeħodni
'il barra miegħu
u jien nintemm
fil-kobor tiegħu
'il bogħod 'il bogħod
fil-kobor tiegħu...
... U l-ġebel kbir li jostor lili
jibqa' hu biss
jistenna lili;
jibqa' hu biss
fis-skiet jibkini!

***Emanuel Attard***